Nru. 17,803
Prezz Lm1.44c
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 9 ta' Awissu, 2005
Tuesday, 9th August, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2005 NRU. VIII ANNO DOMINI 2005 NO. VIII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-8 ta' Awissu, 2005, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 8 ta' Awissu, 2005.

B'Awtorità.

(Iff.) LAWRENCE GONZI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 8th day of August, 2005, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 8th day of August, 2005.

By Authority.

(Sd.) LAWRENCE GONZI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 845

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,800 u 17,802 tat-2 u l-5 ta' Awissu, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 280 ta' l-2005: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2005 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

A.L. Nru. 281 ta' l-2005: Att ta' l-2001 dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti ta' l-2005 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħla Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Pjanti.

A.L. Nru. 282 ta' l-2005: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

Id-9 ta' Awissu, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 845

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,800 and 17,802 of the 2nd and 5th August, 2005, respectively.

L.N. No. 280 of 2005: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 4) Order, 2005.

L.N. No. 281 of 2005: Pesticides Control Act, 2001 (Cap. 430); Maximum Residue Levels of Pesticides in Produce of Plant Origin (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 282 of 2005: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Human Resources) (Amendment) Regulations, 2005.

9th August, 2005

Nru. 846

ATT TA' L-2003 DWAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL (KAP. 462)

Kunsill għat-Tfal Membri Eletti b'Għażla

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 (2) ta' l-Att ta' l-2003 dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap. 462), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Kunsill għat-Tfal eleġġa b'għażla l-persuni hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Kunsill għall-perijodu mill-1 ta' Awissu, 2005 sat-18 ta' Jannar, 2006.

Charlot Borg
Lara Camilleri
Malone Debono
Shanna Spiteri

Id-9 ta' Awissu, 2005

No. 846

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT, 2003 (CAP. 462)

Council for Children Co-opted Members

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 12 (2) of the Commissioner for Children Act of 2003 (Cap. 462), and for the purpose of that Act, the Council for Children has co-opted the following members on the Council for the period 1st August, 2005 to the 18th January, 2006:

Charlot Borg
Lara Camilleri
Malone Debono
Shanna Spiteri

9th August, 2005

Nru. 847

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 847

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 42	Carmel Cassar	'Bloom' 76, Pjazza Antoine De Paule Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	29.01.03
CD/3209/2005 Pt 263	Lisa Marie Spiteri	Blazing Fire Stationery 139, Triq il-Ġdida Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47	15.07.05
CD/3209/2005 Pt 268	Emanuel Gauci	Cavalli Marini 7, Triq it-Trunċiera San Pawl il-Baħar	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V- Professional and business services*	74.87	22.07.05
CD/3209/2005 Pt 270	Saviour Grech	Gelluxa Triq Sant Antnin Għajnsielem, Għawdex	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodoti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.25	22.07.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 272	John Mifsud	Tit Bits Stationery & Bazaar Shop 1, Triq Ħal Farruġ Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.47 52.48.13	25.07.05
CD/3209/2005 Pt 275	Raymond Mifsud	Tillu Garage 15/20, Triq il-Ħaddieda Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	27.07.05
CD/3209/2005 Pt 276	Anthony Farrugia	Farrugia Mobli 40/42, Triq il-Ħaddieda Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	27.07.05
CD/3209/2005 Pt 278	Carmel Polidano	Polidano Group Ltd Triq Ħal Farruġ Luqa	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	28.07.05
CD/3209/2005 Pt 282	Dominic Calleja	Dical House Triq Sant Antnin Mosta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodoti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.24 52.25 52.27	03.08.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Id-9 ta' Awissu, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

9th August, 2005

Nru. 848

TISMIJA MILL-ĠDID TAD-DIPARTIMENT GĦALL-ĦARSIEN TAL-FAMILJA U TAL-POŻIZZJONI TA' DIRETTUR (ĦARSIEN GĦALL-FAMILJA)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja qed jiġi msemmi mill-ġdid bħala d-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali u li l-pożizzjoni ta' Direttur (Ħarsien tal-Familja) qed tiġi msemmija mill-ġdid Direttur *(Standards* fil-Ħarsien Soċjali), b'seħħ mid-data ta' din in-Notifikazzjoni.

Id-Direttur *(Standards* fil-Ħarsien Soċjali) jibqa' responsabbli għall-ħarsien soċjali.

Id-9 ta' Awissu, 2005

No. 848

RE-NAMING OF THE DEPARTMENT OF FAMILY WELFARE AND OF THE HEADSHIP POSITION OF DIRECTOR (FAMILY WELFARE)

IT is hereby notified for general information that the Department of Family Welfare is being renamed as the Department for Social Welfare Standards and that the position of Director (Family Welfare) is being renamed as Director (Social Welfare Standards) with effect from the date of this Notice.

The Director (Social Welfare Standards) shall still be responsible for social welfare.

9th August, 2005

Nru. 849

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mall-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt sabiex tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Il-Ħamrun	Philip Massa
L-Imdina	Noel Cini

Id-9 ta' Awissu, 2005

No. 849

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
Ħamrun	Philip Massa
Mdina	Noel Cini

9th August, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 79

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

In-Naxxar

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu, 2005 u l-Ħadd, it-28 ta' Awissu, 2005 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa (minn l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (minn Vjal 21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja) u l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, il-31 ta' Awissu, 2005 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Santa Luċija (minn il-Forn sa Sqaq Nru. 9 f'Santa Luċija).

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru, 2005 minn Triq Santa Luċija (minn il-Forn sa ż-Żenqa).

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Settembru, 2005 sat-Tlieta, is-6 ta' Settembru, 2005 mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa (minn l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (minn Vjal 21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja) u l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Settembru, 2005 mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa (minn l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (minn Vjal 21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru u l-Kbira.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Settembru, 2005 mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa (minn l-Oratorju sa Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (minn Vjal 21 ta' Settembru sa Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, iż-Żenqa, Santa Luċija u l-Kbira.

Vetturi li jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmonkati.

Id-9 ta' Awissu, 2005

Naxxar

On Friday, 26th August, 2005 and Sunday, 28th August, 2005 from 5.00 p.m. till midnight through the following streets: il-Parroċċa (from l-Oratorju to Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (from Vjal 21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja) and il-Kbira.

On Wednesday, 31st August, 2005 from 4.00 p.m. till midnight through the following streets: Santa Luċija (from il-Forn to Alley No. 9 in Santa Luċija).

On Friday, 2nd September, 2005 through Triq Santa Luċija (from il-Forn to iż-Żenqa).

On Sunday, 4th September, 2005 till Tuesday, 6th September, 2005 through the following streets: il-Parroċċa (from l-Oratorju to Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (from Vjal 21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja) and il-Kbira.

On Wednesday, 7th September, 2005 through the following streets: il-Parroċċa (from l-Oratorju to Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (from Vjal 21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru and il-Kbira.

On Thursday, 8th September, 2005 through the following streets: il-Parroċċa (from l-Oratorju to Misraħ Toni Bajada), Misraħ Toni Bajada, Pjazza Vittorja, tal-Labour (from Vjal 21 ta' Settembru to Pjazza Vittorja), Vjal 21 ta' Settembru, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, iż-Żenqa, Santa Luċija and il-Kbira.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

9th August, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 42 ta' l-2005

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 41 ta' l-2005 maħruġ mill-Awtorità Marittima ta' Malta dwar xogħlijiet ta' tiswija ma' l-ilqugh tal-*Breakwater* ta' Sant'Iermu, ngħarrfu illi x-xogħlijiet mistennija jibdew fl-10 ta' Awissu, 2005.

Ngħarrfu lill-baħħara wkoll illi x-xogħlijiet issa ġew estiżi sat-tarf tax-xatt tal-*Breakwater* ta' Sant'Iermu u sal-*bull nose* tal-*Breakwater* tar-Ricasoli.

Ix-xogħlijiet ta' tiswija se jsiru minn għaddasa mgħejjuna minn braken u/jew mis-s*upport boat* 'Kirby' li se jkollha dwal u għamliet meħtieġa skond regola 27 (b) ta' l-*International Regulations for Preventing Collisions at Sea* ta' l-1983.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 42 of 2005

With reference to Notice to Mariners No. 41 of 2005 issued by the Malta Maritime Authority regarding repair works along the St Elmo Breakwater arms, it is being notified that the works are expected to start on the 10th August, 2005.

Mariners are also to note that the works have now been extended to the shore end of the St Elmo Breakwater and to the bull nose of the Ricasoli Breakwater.

The repair works will be carried out by divers assisted by barges and/or by support boat 'Kirby' which will display the lights and shapes required under rule 27 (b) of the International Regulations for Preventing Collisions at Sea 1983.

Baħħara għandhom jikkunsidraw dan ta' hawn fuq u jżommu 'l bogħod meta s-*support boat* 'Kirby' u l-braken ikunu jidhru fil-*breakwaters* ta' Sant'Iermu/Ricasoli.

Chart affettwata: BA 177

Id-9 ta' Awissu, 2005

Mariners are to note the above and give a wide berth when the support boat 'Kirby' and barges are visible at St Elmo/Ricasoli breakwaters.

Chart affected: BA 177

9th August, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 43 ta' l-2005

Eżerċizzju ta' Sparar Attiv bil-Kanuni minn Żewġ Vapuri Griegi

Ngħarrfu lill-baħħara illi l-Akkademika Navali Ellenika permezz tal-vapuri Militari Elleniċi AEGEAN u PROMETHEUS se jagħmlu eżerċizzju ta' sparar attiv bil-kanuni.

L-eżerċizzju se jsir f'ċirku b'raġġ ta' 10 Mili Nawtiċi, ċentrat fil-*co-ordinates* li ġejjin:

Latitude (T)	*Longitude* (L)
036° 25. 6'	018° 00. 9'

L-eżerċizzju se jsir fit-23 ta' Awissu, 2005 bejn il-5.00 p.m. ZULU sas-7.00 p.m. ZULU.

Minħabba dan ta' hawn fuq baħħara għandhom iżommu 'l bogħod mill-inħawi msemmija fil-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Chart affettwata: BA 21302

Id-9 ta' Awissu, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 43 of 2005

Live Cannon Exercise by Two Greek Ships

Mariners are informed that the Hellenic Naval Academy by means of the Hellenic Military ships AEGEAN and PROMETHEUS will be carrying out a live cannon exercise.

The exercise will be held within a circle of 10 Nautical Mile Radius, centered on the following co-ordinates:

Latitude (N)	Longitude (E)
036° 25. 6'	018° 00. 9'

The exercise will be held on the 23rd August 2005 between 5.00 p.m. ZULU till 7.00 p.m. ZULU.

In view of the above, Mariners are to give a wide berth to the above area between the times mentioned above.

Chart affected: BA 21302

9th August, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 44 ta' l-2005

50-hour Sailing Marathon – Port ta' Marsamxett

Il-Vikings Sailing Club se jorganizza 50-hour sailing marathon għall-karità fil-Port ta' Marsamxett.

Jekk it-temp jippermetti, il-maratona se ssir fil-Port ta' Marsamxett. Il-maratona għandha tibda mill-Vikings Sailing Club f'Xatt it-Tiben, il-Furjana fil-5.00 p.m. nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awissu, 2005 u tintemm fis-7.00 p.m. tal-Ħadd, il-21 ta' Awissu, 2005.

Baħħara għandhom jikkunsidraw dan ta' hawn fuq, ibaħħru bil-mod u jżommu 'l bogħod mid-dgħajjes tal-qlugħ fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Chart affettwata: BA 177

Id-9 ta' Awissu, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 44 of 2005

50-hour Sailing Marathon – Marsamxetto Harbour

The Vikings Sailing Club will be organizing a 50-hour sailing marathon for charity in Marsamxetto Harbour.

Weather permitting, the marathon will take place inside Marsamxetto Harbour. The marathon is due to commence from the Vikings Sailing Club at Hay Wharf, Floriana at 5.00 p.m. on Friday, 19th August, 2005 and ends at 7.00 p.m. on Sunday, 21st August, 2005.

Mariners are to note the above, navigate with caution and give the sailing boats a wide berth on the dates and times mentioned above.

Chart affected: BA 177

9th August, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tar-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tar-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tar-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija għandu salarju ta' Lm11,420 fis-sena.

3.1. In-nomina ta' *Chairman* tad-Dipartiment tar-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija, li hi bi prova għal sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u hija soġġetta għar-regoli li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Diviżjoni tas-Saħħa, u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Din il-ħatra hija fuq bażi *full-time* jiġifieri l-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u wara tkun tista tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar inkluż sessjonijiet ta' *outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt min imexxi l-isptar u fl-aħħarnett taħt id-Direttur ta' l-*Institutional Health*.

6. Il-persuna nominata trid tkun responsabbli għat-tmexxija u amministrazzjoni tad-Dipartiment tar-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija fis-Servizz tas-Saħħa. Minbarra li tipprovdi *clinical inpatient service* fl-Isptar Boffa, trid tkun ukoll responsabbli għat-tmexxija tas-servizzi ta' l-*outpatients*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chairman of the Department of Radiotherapy and Oncology in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Chairman of the Department of Radiotherapy and Oncology in the Health Division.

2. The post of Chairman of the Department of Radiotherapy and Oncology carries a salary of Lm11,420 per annum.

3.1. The appointment of a Chairman of the Department of Radiotherapy and Oncology, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five-year contract and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatients sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work, and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the hospital management and ultimately to the Director, Institutional Health.

6. The appointee shall be responsible for the management, and administration of the Department of Radiotherapy and Oncology within the Health Service. Apart from providing the clinical service based at Boffa Hospital, he/she shall also be responsible for running the outpatients services in

services fir-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija f'Malta u Għawdex kif ukoll għall-provvediment ta' parir professjonali fl-isptarijiet kollha.

6.2. Il-persuna nominata trid tkun responsabbli għad-dixxiplina u l-prattika fis-sala u trid taħti kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha.

6.3. Meta tkun l-*Admitting Consultant* (fuq xogħol), il-persuna nominata trid tattendi għall-ħtigijiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Trid dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

6.4. Il-persuna nominata trid taħti parir lid-Diviżjoni tas-Saħħa dwar żviluppi fir-Radjoterapija u fl-Onkoloġija, tħejji *policies* kliniċi u tax-xogħol dwar id-dipartiment kliniku tagħha; taġġornahom kif jinħtieġ għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-isptar, u tassigura li l-*policies* approvati jiġu obduti.

6.5. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

6.6. Il-persuna nominata trid tassigura l-ogħla kura possibbli għall-pazjenti b'attenzjoni speċjali biex din tingħata kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwazzjoni permezz ta' *medical records* miżmuma tajjeb u li jistgħu jiġu segwiti bla tbatija, permezz ta' ittri fil-ħin dwar ħruġ mill-isptar).

6.7. Il-persuna nominata trid tassigura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa kontra r-radjazzjoni u l-miżuri l-oħra ta' protezzjoni rigward is-servizzi tar-Radjoterapija u ta' l-Onkoloġija.

6.8. Il-persuna nominata trid tieħu ħsieb ilmenti dwar id-dipartiment tagħha skond il-proċeduri applikabbli għad-Diviżjoni tas-Saħħa b'mod ġenerali u għall-isptarijiet b'mod partikolari.

6.9. Il-persuna nominata trid tassigura l-implimentazzjoni ta' programmi kontinwi ta' taħriġ u edukazzjoni għall-impjegati tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' laqgħat kliniċi u programmi ta' taħriġ fir-Radjoterapija u fl-Onkoloġija għall-*undergraduates* u *postgraduates* kif ukoll għall-impjegati paramediċi fid-dipartiment.

6.10. Il-persuna nominata trid tħejji *Business Plans* għad-Dipartiment kliniku tagħha u tassigura l-implimentazzjoni tagħhom, tassigura l-użu xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra li għandha għad-dispożizzjoni tagħha.

6.11. Il-persuna nominata trid toqgħod fuq Bordijiet u Kumitati kif mitluba mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż

Radiotherapy and Oncology in Malta and Gozo as well as for providing consultancy service to all hospitals.

6.2. The appointee shall be responsible for ward discipline and practice and accountable for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

6.3. When he/she is the Admitting Consultant (on call), the appointee shall be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

6.4. The appointee shall advise the Health Division on service developments in Radiotherapy and Oncology, draw up appropriate clinical and operational policies in connection with his/her clinical Department and update these as necessary for approval by the hospital authorities, and ensure that the approved policies are complied with.

6.5. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

6.6. The appointee shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity (including continuity through well maintained and easily followable medical records and timely discharge letters).

6.7. The appointee shall ensure that all necessary radiation and other protective measures in respect of radiotherapy and oncology services are complied with.

6.8. The appointee shall deal with complaints pertaining to his/her department in accordance with procedures applicable to the Health Division in general and to the hospitals in particular.

6.9. The appointee shall ensure the implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes in oncology for medical undergraduates and postgraduates as well as paramedical staff in the department.

6.10. The appointee shall draw up Business Plans for his/her clinical department and ensure their implementation, ensuring the appropriate use of human and other resources at his/her disposal.

6.11. The appointee shall sit on such Boards and Committees as may be indicated or requested by the competent

Bordijiet u Kumitati Mediċi, ta' Għażla, ta' Investigazzjoni u dawk li jagħtu parir.

6.12. Il-persuna nominata trid tħejji rapport kull sena fuq ix-xogħol tad-dipartiment kliniku tagħha.

6.13. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) JEW

i) ikollhom ħatra ta' Konsulent fir-Radjoterapija fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

ii) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fir-Radjoterapija u fl-Onkoloġija (e.g. FRCR jew kwalifika adatta komparabbli);

e) ikollhom mill-anqas seba' snin esperjenza fir-Radjoterapija u fl-Onkoloġija wara li jkunu kisbu l-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni msemmija hawn fuq;

authorities, including Boards and Committees of a medical, selective, investigative or advisory nature.

6.12. The appointee shall prepare an annual report on the workings of hisċher clinical department.

6.13. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

7. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the medical profession in Malta;

(d) EITHER

(i) hold a Consultant post of Radiotherapist in the Malta Public Service;

OR

(ii) be in possession of a higher postgraduate qualification in Radiotherapy/Oncology (e.g. FRCR or an approved appropriate comparable qualification);

(e) have at least seven years experience in Radiotherapy and Oncology following the attainment of the higher postgraduate qualification mentioned above;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna nominata tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. Applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.1 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be

Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru, 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Awissu, 2005

received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 2nd September, 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

9th August, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chairman* tad-Dipartiment ta' l-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Chairman* fid-Dipartiment ta' l-Anestesija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment ta' l-Anestesija għandu salarju ta' Lm11,420 fis-sena.

3.1. In-nomina ta' *Chairman* tad-Dipartiment ta' l-Anestesija, li hi soġġetta għall-konferma wara li tgħaddi sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u hija soġġetta għar-regoli li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Diviżjoni tas-Saħħa, u l-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Din in-nomina hi fuq bażi *full-time* jiġifieri l-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u wara tkun tista tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skond l-esiġenzi tas-servizz, sezzjonijiet ta' wara nofsinhar jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chairman of the Department of Anaesthesia in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Chairman of the Department of Anaesthesia in the Health Division.

2. The post of Chairman of the Department of Anaesthesia carries a salary of Lm11,420 per annum.

3.1. The appointment of a Chairman of the Department of Anaesthesia, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five-year contract and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits

l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt min imexxi l-isptar u fl-aħħarnett taht id-Direttur ta' l-*Institutional Health*.

6. Id-dmirijiet tal-persuna nominata jinkludu:

i. risponsabbiltà għat-tmexxija u amministrazzjoni tas-servizz ta' l-Anestesija provduti mill-Gvern fis-Servizzi tas-Saħħa.

ii. responsabbiltà għad-dixxiplina u l-prattika klinika kif ukoll għal-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha.

iii. arranġament tar-*rosters* tax-xogħol tat-tobba li jaħdmu fid-Dipartiment ta' l-Anestesija.

iv. konsultazzjoni mal-konsulenti ta' l-isptar San Luqa, ta' l-isptar Ġenerali f'Għawdex u ta' kull sptar ieħor tal-Gvern.

v. assigurazzjoni li n-nies li jieħdu servizz mid-Dipartiment ta' l-Anestesija jirċievu kura xierqa u kif jinħtieġ.

vi. parir lid-Diviżjoni tas-Saħħa dwar żviluppi fis-servizzi fid-Dipartiment ta' l-Anestesija, tħejjija ta' *policies* kliniċi u tax-xogħol dwar id-dipartiment kliniku tagħha u aġġornament kif jinħtieġ għal approvazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-isptar, u assigurazzjoni li l-*policies* approvati jiġu obduti.

vii. twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

viii. assigurazzjoni ta' ogħla kura possibbli għall-pazjenti b'attenzjoni speċjali biex din tingħata kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwazzjoni permezz ta' *medical records* miżmuma tajjeb u struzzjonijiet ċari ta' qabel u wara l-operazzjonijiet).

ix. trattament ta' ilmenti dwar id-dipartimenti tagħha skond il-proċedura applikabbli għad-Diviżjoni tas-Saħħa

and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work, and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the hospital management and ultimately to the Director, Institutional Health.

6. The duties of the appointee include:

i. responsibility for the management and administration of the Anaesthetic services provided by Government within the Health Service.

ii. responsibility for clinical discipline and practice as well as accountability for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

iii. arrangement of duty rosters for medical staff in the Department of Anaesthesia.

iv. liaison with Consultant Staff at St.Luke's Hospital, Gozo General Hospital and any other Government hospital.

v. assurance that the persons receiving services from the Department of Anaesthesia receive appropriate care, as is necessary.

vi. advice to the Health Division on service developments in the Department of Anaesthesia, drawing up of appropriate clinical and operational policies in connection with his/her clinical Department and updating of these as necessary for approval by the hospital authorities, and ensuring that the approved policies are complied with.

vii. establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

viii. assurance that the highest possible level of patient care with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity (including continuity through well maintained and easily followable medical records and clear pre-operative and post-operative instructing).

ix. dealing with complaints pertaining to his/her department in accordance with procedures applicable to the Health

b'mod ġenerali u għall-isptarijiet b'mod partikolari.

x. tħejjija u implimentazzjoni ta' programmi kontinwi ta' taħriġ u edukazzjoni għat-tobba, infermiera u *supporting staff* ieħor, dwar kura fl-Anestesija u assigurazzjoni tal-kompetenza ta' dawn il-ħaddiema f'dan il-qasam

xi. taħriġ u żvilupp tat-tobba żgħar li jħajru li ssir riċerka fl-Anestesija u li jsegwu statiska dwar indikazzjonijiet dwar epidemiji fis-Servizzi ta' l-Anestesija.

xii. tħejjija ta' *Business Plans* għad-Dipartiment ta' l-Anestesija u assigurazzjoni ta' implimentazzjoni tagħhom, assigurazzjoni ta' l-użu xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra li għandha għad-disposizzjoni tagħha.

xiii. attendenza fuq *Boards* u kumitati kif tkun mitluba mill-awtoritajiet kompetenti, nkluż *Boards* u kumitati mediċi, għal għażla, investigazzjoni u dawk li jagħtu parir.

xiv. tħejjija ta' rapport kull sena fuq ix-xogħol tad-Dipartiment kliniku tagħha.

xv. tuża s-sistemi ta' teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7). L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

Division in general and to the hospitals in particular.

x. drawing up of and implementation of continuing training and educational programmes for medical, nursing and other supporting staff in Anaesthetic care and ensuring the competence of such staff in the field of Anaesthesia.

xi. training and development of junior medical staff, fostering research in Anaesthesia and monitoring of epidemiological indicators in Anaesthetic services.

xii. drawing up of Business Plans for the Department of Anaesthesia and ensuring their implementation, including the appropriate use of human and other resources at hiscċher disposal.

xiii. sitting on such Boards and Committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including Boards and Committees of a medical selective, investigative or advisory nature.

xiv. preparation of an annual report on the workings of hiscċher clinical department.

xv. making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

7. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni Medika f'Malta;

d) jew

(i) ikollhom ħatra ta' *Consultant* fl-ispeċjalità fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew

(ii) ikollhom kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija (F.C. Anaes. jew kwalifika adatta komparabbli);

(e) ikollhom mill-anqas seba' snin esperjenza fl-Anestesija wara li jkunu kisbu kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija.

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'certifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1 Bord ta' l-Għazla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu

(c) be in possession of a Licence to practise the medical profession in Malta;

(d) either

(i) hold a Consultant post in the speciality in the Malta Public Service or

(ii) be in possession of a higher postgraduate qualification in Anaesthesia (F.C. Anaes. or an approved appropriate comparable qualification);

(e) have at least seven years experience in Anaesthesia following the attainment of the higher postgraduate qualification in Anaesthesia.

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be

sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa, fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru, 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Awissu, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Occupational Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Occupational Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Occupational Therapist* għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* tiġi promossa għall-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan fi Skala Nru. 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 2nd September, 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

9th August, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Occupational Therapist in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Occupational Therapist in the Health Division.

2.1. The post of Occupational Therapist carries a salary of Lm4,889 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Salary Scale 12). An Occupational Therapist will be promoted to the grade of Senior Occupational Therapist in Scale No. 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-*Occupational Therapy* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. An Occupational Therapist in possession of recognised degree in Occupational Therapy will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Occupational Therapist will progress to Scale No. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years service as graduate Occupational Therapist. A graduate Occupational Therapist will be promoted to Senior Occupational Therapist on completion of two years service in the grade of Occupational Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* jinkludu:

4. The duties of an Occupational Therapist include:

a) provvediment ta' servizzi kliniċi rigward l-*Occupational Therapy;*

a) provision of clinical services with regards to Occupational Therapy;

b) għotja ta' ċans lill-*junior staff,* li jinkludi studenti, biex jakkwista esperjenza taħt superviżjoni;

b) giving junior staff, including students the opportunity to gain experience under supervision;

ċ) konsultazzjoni ma' membri oħra tat-*team* tar-rijabilitazzjoni għal ko-ordinazzjoni ta' programmi terapewtiċi għal individwi u gruppi ta' pazjenti.

c) consultation with other members of the rehabilitative team to co-ordinate therapeutic programmes for individuals and groups of patients.

d) tuża s-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. L-applikanti għandhom:

5. Applicants must:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

a) (i) be citizens of Malta;

JEW

OR

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(ii) citizens of another European Union Member State;

JEW

OR

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the

(f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Occupational Therapists* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), 2000, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu

Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Occupational Therapists with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection

eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

8.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Applikanti magħżula jkunu jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2005.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Awissu, 2005

Board to assess their suitability for the post.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

8.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 2nd September, 2005.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

9th August, 2005

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ ta' *Occupational Therapists* Sostituti Każwali b'Kuntratt Definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Occupational Therapists* Sostituti Każwali b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ.

2. Is-salarju ta' *Occupational Therapists* Sostituti Każwali ikun bir-rata ta' Lm4,889 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Occupational Therapist*.

3. *Occupational Therapists* Sostituti Każwali jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' *full-time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu *pro-rata.* Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full-time,* il-provvedimenti ta' MPO Ċirkolari 50/96 u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas ikunu japplikaw.

4. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* Sostitut Każwali tkun minflok impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi ta' *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, jkollha l-kuntratt tagħha terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Occupational Therapist* Sostituti Każwali f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

6. *Occupational Therapists* Sostituti Każwali ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Id-dmirijiet ta' *Occupational Therapist* Sostitut Każwali jinkludu:

(a) provvediment ta' servizzi kliniċi rigward *Occupational Therapy*;

(b) assessjar u kura ta' pazjenti bi problemi ta' kommunikazzjoni kif ikunu allokati minn *staff* anzjan;

(ċ) żamma ta' *records* eżatti skond il-*policies* u l-proċeduri tad-Dipartiment.

(d) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY ANDCOMMUNITY CARE

Engagement of Casual Substitute Occupational Therapists on Definite Contract

The Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care, invites applications for the engagement of Casual Substitute Occupational Therapists on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary.

2. The salary of a Casual Substitute Occupational Therapist will be at the rate of Lm4,889 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Occupational Therapist.

3. Casual Substitute Occupational Therapists may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. A Casual Substitute Occupational Therapist will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Occupational Therapist will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Occupational Therapist at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. Casual Substitute Occupational Therapists will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. The duties of a Casual Substitute Occupational Therapist include:

(a) provision of clinical services with regard to Occupational Therapy;

(b) giving junior staff, including students the opportunity to gain experience under supervision;

(c) consultation with other members of the rehabilitative team to co-ordinate therapeutic programmes for individuals and groups of patients;

(d) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

8. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

(ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Occupational Therapists* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetennti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni).

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-Sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jinbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokument (fotokopji jridu

8. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a certificate of registration as Occupational Therapists with the Council for the Professions Complementary to Medicine;

(d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided).

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to

jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-pożizzjoni.

11.2. Il-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità jippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice board* ta' l-istess Ministeru, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fil-*website* tal-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità fuq:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqgħodu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

13. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Awissu, 2005.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Awissu, 2005

be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. The result of the interviews will be published by the Ministry of Health, the Elderly and Community Care and exhibited on the notice board of the Office of the said Ministry, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Ministry of Health, the Elderly and Community Care at:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed applications forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday 26th August, 2005.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

9th August, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Radjografu (Terapija) għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala Nru 12). Il-persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) fi Skala 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) li għandha xi *degree* rikonoxxuta fit-*Therapeutic Radiography* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata titla' fi Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) wara sentejn servizz bħala Radjografu (Terapija) gradwat. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) wara sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jinkludu:

a) tħaddim u żamma f'kundizzjoni tajba tat-tagħmir relatat ma' Radjoterapija u proċeduri ta' l-ippjanar;

b) assigurazzjoni u għotja ta' parir lill-pazjenti waqt it-trattament tagħhom;

ċ) sorveljanza tal-*filing* u ċ-ċaqliq ta' *records* u dokumenti ta' pazjenti u ta' tagħmir.

d) tkun trid tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Therapy) carries a salary of Lm4,889 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Scale No. 12). A Radiographer (Therapy) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Therapy) in Scale 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) on completion of five years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Therapy) in possession of a recognised degree in Therapeutic Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Therapy) will progress to Salary Scale 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years service as graduate Radiographer (Therapy). A graduate Radiographer (Therapy) will be promoted to Senior Radiographer (Therapy) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Therapy), subject to satisfactory performance.

2.3. Appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Therapy) include:

a) operation and maintenance of equipment related to Radiotherapy and planning procedures;

b) reassuring and advising patients during their treatment;

c) supervision of the filing and movement of records and documents of patients and equipment.

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom jew:

(i) id-Diploma fir-Radjografija (Terapija) tal-*College of Radiographers, U.K.;*

jew

(ii) il-BSc (Hons) fit-*Therapeutic Radiography* tal-*Kingston University (UK)* jew kwalifika ekwivalenti;

d) ikunu reġistrati bħala Radjografi (Terapija) fuq ir-reġistru tal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplementari għall-Mediċina (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of either:

(i) the Diploma in Radiography (Therapy) from the College of Radiographers U.K.;

or

(ii) the BSc (Hons) in Therapeutic Radiography from Kingston University, UK, or equivalent qualification;

d) be registered as Radiographer (Therapy) on the register of the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 5(ċ) ta' hawn fuq iżda jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafi 5 (a), (b) u (e) u jkollhom żewġ suġġetti f'livell Avvanzat fi Grad Ċ jew aħjar, flimkien ma' ħames suġġetti f'livell Ordinarju fi Grad Ċ tal-GCSE jew ekwivalenti. Dawn is-suġġetti jridu jinkludu l-Lingwa Ingliża, Matematika u Fiżika jew *Combined Science*.

6.1. Applications will also be considered from candidates who do not possess the qualifications mentioned in paragraph 5(c) above but satisfy the other conditions of paragraphs 5 (a), (b) and (e) and who possess two 'A' level passes at grade C or above, supported by five Grade C GCSE passes at 'O' level or equivalent. These must include English Language, Mathematics and Physics or Combined Science.

6.2. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għall-post jekk ma jinstabux biżżejjed applikanti li jikkwalifikaw taħt paragrafu 5.

6.2. Applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 5.

6.3. L-applikanti magħżula taħt dan il-paragrafu jridu jmorru barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex isegwu kors ta' taħriġ ta' tliet snin li jwassal għall-*BSc degree* imsemmija f'paragrafu 5(ċ) (ii) hawn fuq u jsiru eliġibbli biss għan-nomina ta' Radjografu (Terapija) wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' l-istudji tagħhom, u wara li jaslu f'Malta.

6.3. Applicants selected under this paragraph must proceed abroad as and when required to follow a three-year course leading to the attainment of the BSc degree referred to at paragraph 5 (c) (ii) above and will only become eligible for appointment as Radiographer (Therapy) on the successful completion of their studies and on return to Malta.

6.4. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu korsijiet ta' taħriġ ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

6.4. Applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Applikanti li jiġu magħżula taħt paragrafu 6 u ma jkunux impjegati tal-Gvern, jiġu ingaġġati bħala *Radjografi Appendisti (Terapija)* u jitħallsu *allowance* ta' Lm2,802 fis-sena sakemm ikunu maħturin *Radjografi (Terapija)*.

8. Any applicants selected under paragraph 6 who are not public officers, will be engaged as Trainee Radiographers (Therapy) and paid an allowance of Lm2,802 per annum until they are appointed Radiographers (Therapy).

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection

eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-rizultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatt għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Awissu, 2005

Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 2nd September, 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

9th August, 2005

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jilqgħu applikazzjonijiet għall-Ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti, għall-Ingaġġ inizjali ta' tnax-il xahar, fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti għandhom ikunu:-

a) ċittadini ta' Malta;

b) medikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet skond il-livell tal-Forza Regolari. Dan jinkludi li ma jkunx iqsar minn 1.57m. fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

ċ) ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tal-kondotta mill-Pulizija maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni);

d) (i) Għalqu t-18-il sena u ma jkunux għalqu t-23 sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet fil-każ ta' min japplika minn barra; u

(ii) fil-każ ta' membri tal-Forzi Armati ta' Malta, l-oġħla eta hija estiża għal dawk li jkunu għadhom m'għalqux il-25 sena fl-ewwel ta' Jannar, 2005.

3. L-applikanti:-

a) għandhom ikollhom *passes* rikonoxxuti f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju tal-*SEC/General Certificate of Education* jew ekwivalenti rikonoxxut. Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u l-Fiżika jew il-Kimika. Barra minn hekk, għandhom ikollhom *passes* rikonoxxuti f'zewġ suġġetti f'Livell Avvanzat fil-Matrikola/*General Certificate of Education* jew eżami ekwivalenti rikonoxxut;

jew

b) għandhom ikunu temmew b'suċċess kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal inkarigat fin-*Navigational Watch* jew kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fl-*Engineering* maħruġ mill-Istitut Marittimu ta' l- MCAST.

4. L-eżami se jitmexxa mid-Direttur (Eżamijiet) u mill-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

5. L-eżami se jikkonsisti fi:-

L-Ewwel Parti – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

Primarjament jittieħed it-tul tal-kandidat biex jiġi żgurat

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Recruitment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations invite applications for the enlistment of Officer Cadets, on an initial twelve-month engagement, in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must be:-

a) citizens of Malta;

b) medically fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

c) of good moral character (a Police Certificate of Conduct, Form "A", issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

d) (i) 18 years of age and not having attained the age of 23 years by the closing date of call for applications in the case of external applicants, and

(ii) in the case of serving Armed Forces of Malta personnel not having attained the age of 25 years by the 1st January, 2005.

3. Applicants must:-

a) be in possession of recognised passes in six subjects at Ordinary level of the SEC/General Certificate of Education or recognised equivalent. These six subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and either Physics or Chemistry. In addition they must be in possession of recognised passes in two subjects at Advanced Level in the Matriculation/General Certificate of Education or recognised equivalent;

or

b) have successfully completed the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of a Navigational Watch or the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of an Engineering Watch at the MCAST Maritime Institute.

4. The examination shall be conducted by the Director (Examinations) and the Board of Local Public Examinations.

5. The examination shall consist of:-

Part 1 – Fitness Efficiency Test

Candidates will be primarily checked for height in order

li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para. 2b ta' din is-sejħa. Dawk li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqgħodu għall-Eżami ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-*istandards* tal-Forza Regolari.

Il-livell minimu li jrid jintlaħaq f'kull wieħed mit-tliet testijiet ta' effiċjenza fiżika hu kif jidher hawn taħt:-

Età bejn it-18 u l-21 sena

a) 1 *mile run* – mhux iktar minn 7.52 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 9.15 minuti fil-każ tan-nisa.
b) *Push-ups* – mhux inqas minn 32 darba fil-każ ta' l-irġiel u 13-il darba fil-każ tan-nisa.
ċ) *Sit-ups* – mhux inqas minn 42 darba fil-każ ta' l-irġiel u 40 darba fil-każ tan-nisa.

Eta bejn it-22 u l-25 sena

a) 1 *mile run* – mhux iktar minn 8.11 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 9.35 minuti fil-każ tan-nisa.
b) *Push-ups* – mhux inqas minn 30 darba fil-każ ta' l-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa.
ċ) *Sit-ups* – mhux inqas minn 37 darba fil-każ ta' l-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa.

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-*istandard* minimu f'kull *test* fiżiku biex jitqiesu li kisbu *pass* fl-Eżami ta' Effiċjenza Fiżika.

(Marki: Mass 100 Min 50)

It-Tieni Parti – *Educational Assessment Process*

Il-kandidati li jgħaddu mit-testijiet ta' l-Ewwel Parti jiġu assessjati mill-Bord ta' l-Għażla biex jiġi żgurat li huma adatti fuq bażi ta' dawn il-kriterji:

Marka Massima	
(i) Kwalifiki Edukattivi	60
(ii) Intervista	120
(iii) *Lecturette*	120

Massimu: 300
Minimu: 200

Jiġu kkunsidrati kwalifiki addizzjonali rilevanti.

6. L-ordni tal-Mertu jiġi stabbilit skond it-total ta' marki miksuba fl-Ewwel u t-Tieni Parti.

7. Kandidati li jonqsu li jattendu għal xi wieħed mill-*Physical Efficiency Tests* jew *Medical Tests* u/jew *l-Assessment Process* jiġu kkunsidrati li weħlu mill-eżami.

to ensure that they meet the requirements stipulated in para 2b of this call. Those who are found to meet such requirements will be subjected to a Fitness Efficiency Test to ensure fitness to Regular Force standards.

The minimum standards which have to be reached in each of the fitness tests are as follows:-

Age category from 18 to 21 years.

a) 1 mile run – not more than 7.52 minutes for males and 9.15 minutes for females;
b) Push-ups – not less than 32 repetitions for males and 13 repetitions for females;
c) Sit-ups – not less than 42 repetitions for males and 40 repetitions for females;

Age category from 22 to 25 years:

a) 1 mile run – not more than 8.11 minutes for males and 9.35 minutes for females;
b) Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females;
c) Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females;

Candidates must at least attain the minimum standard in each fitness test to be considered as having gained a pass in the Fitness Efficiency Test.

(Marks: Max 100 Min 50)

Part II – Educational Assessment Process

Candidates who pass the tests of Part 1 will be assessed by a Selection Board to assess their suitability based in the following criteria:

Max Mark	
(i) Education Qualifications	60
(ii) Interview	120
(iii) Lecturette	120

Maximum: 300
Minimum: 200

Additional relevant qualifications will be given consideration.

6. The Order of Merit will be established according to the total marks obtained in Parts I and II.

7. Candidates who fail to attend any part of Physical Efficiency Tests, and/or Medical Tests, and/or Assessment Process will be considered to have failed the examination.

8. L-eżami se jitmexxa minn *panel* ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tad-Direttur ta' l-Eżamijiet u tal-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

9. Ir-riżultat ta' l-eżami jibqa' jgħodd għal tnax–il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu.

10. Il-kandidati magħżula jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skond ir-regolamenti tal-Forzi Regolari. L-Eżami Mediku jitmexxa mill-Forzi Armati u jkun finali u konklussiv.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinġabru mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mingħand ir-*Recruiting Office*, Luqa Barracks, Ħal Luqa jew direttament minn fuq il-*Website* tal-Gvern ta' Malta fuq:

http://www.gov.mt/gazette/employment/applic.htm, jew direttament minn fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt minn nhar it-Tnejn, id-29 ta' Awissu sal-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru, 2005.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) għandhom jigu ppreżentati personalment minn nhar it-Tnejn id-29 ta'Awissu sa nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru 2005 (id-data ta' l-għeluq) fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat Għawdex bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

13. Ma l-applikazzjoni l-kandidati għandhom jipproduċu:-

a) dikjarazzjoni tas-Servizz (fil-każ ta' membri li preżentament jaħdmu fil-Forzi Armati ta' Malta biss);

b) il-karta ta' l-Identità.

ċ) ċertifikat riċenti tal-kondotta mill-Pulizija Form "A" (maħruġ fi żmien 6 xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni);

d) dritt ta' ħlas ta' Lm4.

14. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

15. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta b'mod sommarju ma' kull kandidat li, filwaqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-Istruzzjonijiet maħruġa biex jimxu fuqhom il-kandidati.

16. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jirriserva d-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu wkoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar parti waħda biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

8. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Director of Examinations and Board of Local Public Examinations.

9. The result of the examination will be valid for a period of twelve months from the date of its official publication.

10. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force Standards. The Medical Examination carried out by the Armed Forces will be final and conclusive.

11. Application forms may be collected from the Examinations Department Floriana, or the Examinations Centre, Victoria Gozo, and from the Recruiting Office, Luqa Barracks, Luqa, or directly from the Malta Government Website on:

http://www.gov.mt/gazette/employment/applic.htm, or directly from the Examinations Department Website on www.exams.gov.mt from Monday, 29th August to Friday, 2nd September, 2005.

12. Application forms (only those admissible) should be handed in personally from Monday, 29th August to 2nd September 2005 (closing date) at the Department of Examinations, Floriana or at the Examinations Centre, Victoria, Gozo between 8.00 a.m. and noon.

13. With the application form candidates must produce:–

a) a declaration of service (in the case of serving Armed Forces of Malta personnel only);

b) their official Identity Card (photocopy to be attached);

c) a recent Police conduct certificate, Form "A" (issued within six months prior the closing date of application);

d) an examination fee of Lm4.

14. Late applications will not be considered.

15. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or of any breach of the Instructions issued for the guidance of candidates.

16. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Examination if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one area or a particular stage of the examination.

17. Il-kandidati li jgħaddu jiġu ingaġġati fir-*rank* ta' *Gunner* għal perjodu inizjali ta' taħriġ ta' tnax-il xahar bħala Kadetti. L-ewwel tliet xhur ta' l-ingaġġ ikunu jikkonsistu f'kors ta' taħriġ mandatorju militari bażiku u l-kadetti jistgħu wara jkunu meħtieġa jagħmlu perijodu ta' taħriġ barra minn Malta. It-tliet xhur taħriġ mandatorju ma jistgħux ikunu interrotti ħlief f'każ ta' mard ċertifikat. Kandidati li ma jilħquxil-livell neċessarju matul il-perjodu ta' taħriġ jistgħu jiġu mkeċċija.

18. Il-Kandidati li jispiċċaw dan il-perijodu ta' taħriġ b'suċċess, fi tmiem l-ingaġġ ta' tnax-il xahar, jingħataw kummisjoni fir-*rank* ta' *Second Lieutenant* għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Wara li jiskadi dan il-perjodu u soġġett għal kemm ikunu qdew dmirijiethom sewwa, l-Uffiċjali Kummissjunati jiġu promossi għar-*rank* ta' Logutenent.

19. Uffiċjali Kummissjunati jkunu marbuta li jservu fil-Forza Regolari għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin mid-data ta' meta jingħataw il-kummissjoni. Wieħed għandu jinnota wkoll li, skond ir-Regolamenti preżenti tal-Forzi Armati ta' Malta, Uffiċjali Kummissjunati li jieħdu kors ta' taħriġ barra minn Malta jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu perjodu ta' servizz mandatorju, soġġett għal massimu ta' ħames snin, wara li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom.

20. Uffiċjal li għal xi raġuni jonqos li jtemm xi wieħed mill-perjodi ta' servizz mandatorju msemmija f'paragrafu 19 ta' hawn fuq, jista' jkun imġiegħel jirrifondi lill-Gvern ta' Malta l-ispejjeż kollha li jkun ħallas il-Gvern kemm fit-taħriġ bażiku fl-ewwel sena, kif ukoll għal taħriġ barra minn Malta fuq bażi *pro-rata*.

Id-9 ta' Awissu, 2005

17. Successful candidates will be enlisted in the rank of Gunner for an initial twelve-month training period as Officer Cadets. The first three months of engagement will consist of a mandatory basic military training course and cadets may subsequently be required to undergo a period of training abroad. The mandatory three-month period cannot be interrupted for any reason whatsoever except certified sickness. Failure to meet the required standards at any point during the training period may lead to instant dismissal.

18. Candidates who complete this period of training successfully will, at the end of the twelve month engagement be commissioned in the rank of Second Lieutenant for a period of eighteen months. On the expiry of this period and subject to satisfactory performance, the Commissioned Officers will then be promoted to the rank of Lieutenant.

19. Commissioned Officers will be bound to serve in the Regular Force for a minimum period of three years from the date of their commission. It should also be noted that, in terms of current Armed Forces of Malta Regulations, Commissioned Officers who undertake overseas training may be required to serve for a period of mandatory service, subject to a maximum of five years, following the completion of their training.

20. An Officer who fails to complete any of the mandatory periods of service referred to in paragraph 19 above may be required to refund to the Government of Malta all the expenses incurred by the Government both on the first year of basic training and on overseas training, on a pro rata basis.

9th August, 2005

KUMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Manager (EU Funds Management Unit)* fid-Direttorat ta' l-Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Manager (EU Funds Management Unit)* fid-Direttorat ta' l-Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Manager (EU Funds Management Unit)* fid-Direttorat ta' l-Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfacenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Manager (EU Funds Management Unit)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Manager (EU Funds Management Unit) in the EU Affairs Directorate, Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the position of Manager (EU Funds Management Unit) in the EU Affairs Directorate, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as a Manager (EU Funds Management Unit) in the EU Affairs Directorate, Ministry for Rural Affairs and the Environment, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as a Manager (EU Funds Management Unit) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Manager (EU Funds Management Unit)* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar minn massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' ingaġġ tagħha kif ipprovdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġix offrut tiġdid tal-kuntratt.

3. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Manager (EU Funds Management Unit)* fid-Direttorat tal-Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ikollha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm7,979 fis-sena). Il-persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Manager (EU Funds Management Unit)* fid-Direttorat tal-Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jinkludu:–

(a) familjarità mar-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar *Structural* u *Cohesion Funds*, kif ukoll prijoritajiet tal-*policy* Ewropea li jikkonċernaw l-oqsma ta' l-agrikoltura, sajd, *phytosanitary*, saħħa tal-pjanti, veterinarji u ambjent, u attivitajiet relatati li jkunu eliġibbli għal assistenza taħt dawn il-fondi f'pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll f'pajjiżi applikanti;

(b) kuntatti mill-qrib mal-*Planning and Priorities Coordination Division,* fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Diviżjonijiet u Dipartimenti jew Aġenziji relatati oħra, sabiex jiġi żviluppat ftehim ċar ta' proċeduri u kontrolli dwar it-tħaddim tal-Fondi strutturali ta' l-Unjoni Ewropea f'Malta, u koordinazzjoni ta' materjal relatat dwar fondi ta' l-Unjoni Ewropea għall-preparazzjoni ta' rapporti u dokumenti oħra skond il-bżonn;

2.2. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Manager (EU Funds Management Unit) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered a subsequent renewal of the contract.

3. The position of Manager (EU Funds Management Unit) in the EU Affairs Directorate, Ministry for Rural Affairs and the Environment attracts a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently Lm7,979 per annum). The selected candidate will be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her salary, subject to positive performance. In the case of the selected candidate being already a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The duties of Manager (EU Funds Management Unit) in the EU Affairs Directorate, Ministry for Rural Affairs and the Environment include:–

(a) familiarisation with European Union Regulations concerning the EU Structural and Cohesion Funds, as well as the Agriculture, Fisheries, Phytosanitary, Plant Health, Veterinary and Environment policy priorities and related activities eligible to assistance under these funds in EU Member States as well as in candidate countries;

(b) liaison with the Planning and Priorities Coordination Division within the Office of the Prime Minister and other related Departments/Agencies to develop a clear understanding of procedures and controls relating to the management of EU structural funds in Malta, and co-ordinate EU funding related inputs required for the preparation of reports, documentation etc.;

(ċ) sottomissjoni ta' rakkomandazzjonijiet, b'konsultazzjoni mill-qrib mad-Direttur, fid-Direttorat ta' l-Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, il-*Planning and Priorities Coordination Division* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u Diviżjonijiet, Dipartimenti jew Entitajiet relatati ohra, dwar il-qafas amministrattiv meħtieġ għat-tħaddim tal-fondi elenkati f'paragrafu (a) hawn fuq. Dan il-qafas ikun jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar ir-riżorsi meħtieġa biex jiġu utilizzati l-fondi pprovduti;

(d) żvilupp ta' Dokumenti ta' *Policy* u Proceduri biex iservu ta' gwida ċara għall-benefiċjarji meta dawn ikunu se jissottomettu talbiet għall-fondi għall-proġetti eliġibbli, u wkoll tirċievi, tevalwa u tirrakomanda proposti mingħand benefiċjarji potenzjali biex tiżgura li dawn il-proposti jkunu skond il-kriterji stabbiliti u jkunu konformi ma' strateġiji u *policies* eżistenti; u

(e) kontroll u evalwazzjoni tal-progress ta' proġetti fi ħdan il-Ministeru li jirċievu għajnuna mill-Unjoni Ewropea kif ukoll permezz ta' Ftehim Bilaterali oħra.

4.2. Id-dmirijiet stabbiliti għall-pożizzjoni indikata jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet normali tax-xogħol.

5.1. L-applikanti għandhom:–

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;
jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin);

jew

(iv) ikunu l-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta', jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta;

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(a)(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu permess tax-xogħol kif meħtieġ skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaci jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(c) submitting recommendations, in close consultation with the Director, EU Affairs Directorate, in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, the Planning and Priorities Coordination Division, within the Office of the Prime Minister, and other related Departments/Agencies, on the administrative framework necessary for the eventual management of the funds listed in paragraph (a) above. This framework will include recommendations on the capacity building required for utilisation of these funds;

(d) developing a Policy and Procedures Manual which would serve as a clear guide to beneficiaries when drawing up requests for funding of eligible projects and also to receive, evaluate and recommend proposals from the potential beneficiaries, to ensure that these proposals meet the required criteria, and that they are in line with existing strategic and policy documents; and

(e) monitoring and evaluating the progress of Ministry projects funded by the EU and through other Bilateral Agreements.

4.2. Further details of the job description of the post may be obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14. M.A. Vassalli Street, Valletta, during normal office hours.

5.1. Applicants for the position must:–

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) be citizens of another European Union Member State;

or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) be the spouse of, and children under 21 years of age of, or who depend on, any person who is mentioned at (a)(i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (a)(ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(ċ) ikollhom lawrja *post-graduate* rikonoxxuta fil-*Business Management*, Studji Ewropej jew oqsma relatati, u sena esperjenza rilevanti; jew

ikollhom *first degree* rikonoxxuta fil-*Business Management*, Studji Ewropej jew oqsma relatati, u tliet snin esperjenza rilevanti; jew

ikunu Uffiċjali Pubbliċi fi Skala mhux inqas minn Skala 10 li għandhom sitt snin esperjenza rilevanti;

(d) ikollhom kapaċitiajiet ta' komunikazzjoni eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll bid-diskors, u kmand sħiħ tal-lingwa Ingliża.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record Form* (GP47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz għandhom juru Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu dettalji dwar dan;

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni lill-applikanti li:

a) juru inizjattiva, kreattività u impenn;
b) għandhom rekord ippruvat fit-tħaddim ta' proġetti;
ċ) għandhom kapaċitajiet tajba biex imexxu negozjati.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil ragonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma' jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies minn ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

7.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar il-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

(c) be in possession of a recognised post-graduate degree in Business Management, European Studies or related fields plus one year relevant experience; or

be in possession of a recognised first degree in Business Management, European Studies or related fields plus three years relevant experience; or

be Public Officers in the Malta Public Service not below Scale 10 who have six years relevant experience;

(d) have excellent communication skills, both written and spoken, and excellent command of the English language.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who:

a) demonstrate initiative, creativity and commitment;
b) have a proven track record in project management;
c) have good negotiation skills.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of

u d-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

7.3. Tigi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Jinħareġ ukoll avviż lill-organizzazzjonijiet tal-*media* lokali kollha.

7.4. Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

9. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer skond il-bżonn fuq xogħol.

10. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq gimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

12. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jigi żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

13. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li għandha tinkludi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M A Vassalli, Valletta, CMR 02, Malta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru, 2005.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:–

http://www.doi.gov.mt/EN/empoloyment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporativi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha

the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta.

7.3. A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

9. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

10. The selected applicant will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. Applications together with a curriculum vitae, indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M. A. Vassalli Street, Valletta, Malta by not later than noon of Friday, 2nd September, 2005.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:–

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date, may be considered provided that all requisite details are given. The formal

meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M A Vassalli, Valletta, CMR 02, Malta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal- Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent huwa +356 2123 5650).

16. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Awissu, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Awissu, 2005 għal:

CT 221/2005. Provvista u stallazzjoni fil-post ta' żewġ (2) *modular aluminium suspended platforms* u *hoists* biex jintużaw fir-*Restoration Unit* - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dirtt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Awissu, 2005 għal:

CT 45/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *Maritime Coast Radio Station* li se jiġi inkorporat fil-*Global Maritime Distress and Safety System (GMDSS)* – Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Frar 2005.

